**Ħdejk Fawstina**

Ħdejk Fawstina
Sieket w għajjien,
Hawn nistenna
Faraġ is-sliem.

Sitwazzjonijiet
Ġewni bil-mijiet,
Għażilt li niskot
Nara ż-żminijiet.

Ġejjin fuqi mlebbta
Għaġġelija bil-kif,
Ma nafx infissirhom
Humiex tqal inkella ħfief.

Ħaġa naf O Fawstina
Li jrid Alla għad iseħħ,
Veru li l-beraq ġej ġej
Mejjet ir-ragħad biex ileħħ.

Fis-skiet tiegħek jiena nilmaħ
Mara miġbura fit-twemmin,
Fawstina, mara ta' Kristu
Għallimna ngħixu ferħanin.

Tassew li jkollna nbatu
Did-dinja hekk tagħtina,
Forsi għalhekk titlobna
Inħobbuha miskina.

Tridna għaliha nitolbu
Lejl u nhar, iwa ma nieqfux,
Kif tridha diċ-ċkejkna qalbna
Ma twassalniex biex ma nibkux?

Fawstina, mara ta' veru
Int li tant ħabbejt lil Gesù,
Ejja ħdejja u għallimni
X'inhi t-triq ta' kull virtù.

Madwari ghajjieni l-gideb
Ninsab imdawwar b'kull kurrent,
Fawstina nitolbok tgħinni
Eħlisni minn dan it-turment.

Naf li ż-żmien dalwaq joqrob
U biil-ghaġla jħallina,
Imxi miegħi ja oħti

Twajba, Santa Fawstina.

Sabiħa tassew tidher
Dik l-imqaddsa rinunċja,
Imma għas-sema isbaħ
Il-qalbiena fiduċja.

F'dak Kristu kollu mħabba
U mimli tilja ħniena,
Fawstina qed nitolbok
Li bħalek inkun jiena.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.